**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

Lill-Membri kollha tal-Kunsill

# LAQGĦA TAL-KUNSILL

**Il-21 Laqgħa tas-seba' leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi** ser issir nhar **it-Tnejn 25 t'Awwissu 2014 fl-4:30pm,** fl-Uffiċċju tal-Kunsill, 7, Triq il-Knisja, Qrendi QRD 1103.

**Chris Falzon**
**Segretarju Eżekuttiv**

## Aġenda

---

1. **Qari tal-Minuti**
2. **Korrispondenza**
3. **Komunikazzjoni mis-Sindku**
4. **Finanzi**
5. **Aġġornament**

---

Ikun xieraq li l-Kunsillieri kollha jkunu preżenti fil-ħin, biex il-Laqgħa tkun tista' tiddiskuti u tiddisponi l-Aġenda mingħajr telf ta' ħin.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

**Minuti tal-21 Laqgħa tas-seba' leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi li saret nhar it-Tnejn 25 t'Awwissu 2014 fl-4:30 ta' wara nofsinhar fl-Uffiċċju tal-Kunsill, 7, Triq il-Knisja, Qrendi u spiċċat għall-ħabta tat-8:30 ta' filgħaxija.**

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Schembri |
| Viċi-Sindku | Charles Zerafa |
| Kunsillier | Daniel Farrugia |
| Kunsillier | Daniela Farrugia |
| Kunsillier | Olympia Sant Mifsud |
| Ambaxxatur | Justin Debattista |

**Uffiċjal:**

| | |
|---|---|
| Segretarju Eżekuttiv | Chris Falzon |

Is-Sindku David Schembri ppreseda.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

1. **QARI TAL-MINUTI**

1.1 Il-Minuti tal-20 Laqgħa tal-Kunsill Lokali ġew moqrija u approvati.

2. **KORRISPONDENZA**

2.1 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Mario Camilleri, *Events Administrator and Organiser* mill-Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u l-Bidla fil-Klima dwar żjara f'*farm* tal-baqar.

2.1.1 Is-Sindku David Schembri qal li bħala Kunsill Lokali għandna nilqgħu din l-istedina u nattendu għal din il-viżta.

2.2 Inqrat Memo 22/2014, mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **URĠENTI: Memo 22/2014 – Migrazzjoni għall-Akkwist Elettroniku (*e-procurement).***

2.3 Inqrat Memo 23/2014, mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Memo 23/2014 – Manutenzjoni tas-sinjali u *markings* tat-toroq u tas-*sleeping policemen.***

2.4 Inqrat Memo 24/2014, mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Memo 24/2014 – Applikazzjonijiet pendenti quddiem l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar (il-MEPA).**

2.5 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Kontijiet tal-ħlas tal-liċenzji tan-negozju dovuti għas-sena 2014.**

2.6 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **URĠENTI – *EU Funding for Local Councils – Europe for***

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

***Citiznes Programme 2014-2020.***

2.7 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Mary Muscat għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Każ Nru. 574/14 – Memo 21/2014 – Stampar ta' dokumenti.**

2.8 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Adrian Mifsud għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Proġett Pilota u Kwestjonarju dwar *Performance Management* fil-Kunsilli Lokali (Memo 16/2014).**

2.9 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Joseph Abela għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Inventarju tal-*IT Equipment.***

2.10 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Joseph Abela għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Contracts Circulars re Selection Criteria (Local Councils).***

2.11 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Joseph Abela għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Assistent Direttur *Monitoring Unit.***

2.12 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Maria Zammit għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Public Officers on Security Duties.***

2.13 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Isabella Camilleri Aquilina għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Live streaming Data Requested Urgently.***

2.14 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Isabella Camilleri Aquilina għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Memo 25/2013: *Cultural Activities May 2014.***

2.15 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Isabella Camilleri Aquilina għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Live Streaming.***

2.16 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Isabella Camilleri Aquilina għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Memo 4: Libraries.***

2.17 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Isabella Camilleri Aquilina għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***DLL Prospectus and Local Councils.***

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

2.18 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Etienne Scicluna għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Stedina għal-Laqgħa dwar il-*European Mobility Week.***

2.19 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Etienne Scicluna għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Il-Programm u l-Applikazzjonijiet dwar *European Mobility Week.***

2.20 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Joseph Azzopardi għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Projects by Local Councils.***

2.21 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Alda Vella mill-Uffiċċju tas-Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali, bit-titlu **Żjara ta' Kortesija.**

2.22 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Aron Agius, bit-titlu **Inventarju tal-*IT Equipment.***

2.23 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Joan Mangion, Segretarju Eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***REMINDER* – Ċirkulari AGL Ċirk 45/2014 – It-Tieni Kwestjonarju dwar Enerġija Nadifa.**

2.24 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr. Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Ċirkulari AGL Ċirk. 47/2014 – Laqgħat informattivi b'xejn rigward l-effiċjenza tal-enerġija effettiva.**

2.25 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr. Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Ċirkulari AGL Ċirk. 48/2014 – Laqgħa Plenarja u Laqgħa għas-Sindki.**

2.26 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr. Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Ċirkulari AGL Ċirk 49/2014 – Stedina lill-Kunsilli Lokali għal żewġ wirjiet ta' *Heritage Malta*.**

2.27 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Elizabeth Vassallo, Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun tan-Nofsinhar, bit-titlu **Servizz ta' Gwardjani Lokali fil-festa ta' Santa Marija.**

2.28 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Paul Gatt, President tal-Assoċjazzjoni

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

Nazzjonali tas-Segretarji Eżekuttivi tal-Kunsilli Lokali u Reġjuni, bit-titlu **Memo 21/2014 – Stampar ta' Dokumenti.**

2.29 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Paul Gatt, President tal-Assoċjazzjoni Nazzjonali tas-Segretarji Eżekuttivi tal-Kunsilli Lokali u Reġjuni, bit-titlu ***Use of e-signature.***

2.30 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Mario Azzopardi mill-Ministeru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali, bit-titlu ***Use of e-signature.***

2.31 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Christian Salerno, Maniġer tal-GAL Xlokk, bit-titlu ***Additional FARMER Access Roads to Resurface.***

2.32 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Christian Salerno, Maniġer tal-GAL Xlokk, bit-titlu ***Consultative Seminar.***

2.33 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Christian Salerno, Maniġer tal-GAL Xlokk, bit-titlu ***Memo on Publicity.***

2.34 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Terrence Camilleri, Segretarju tal-GAL Xlokk, bit-titlu ***Accessibility Roads: M125.***

2.35 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Terrence Camilleri, Segretarju tal-GAL Xlokk, bit-titlu **GAL Xlokk M421 TNC Festival.**

2.36 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Osvaldo Pace, Segretarju tal-Kunsill Konsultattiv għan-Nofsinhar ta' Malta, bit-titlu ***Seminar Follow Up – 'Hop On Hop Off.'***

2.37 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Luke Desira, mill-Kunsill Konsultattiv għan-Nofsinhar ta' Malta, bit-titlu **Seminar dwar promozzjoni tat-Turiżmu fin-Nofsinhar ta' Malta – Sibt 2 t'Awwissu 2014.**

2.38 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Raphael Scerri, Direttur Ġenerali tal-*Funds and Programmes Department*, bit-titlu ***Balances of bank account pertaining to the project/s supported under EAFRD.***

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

2.39 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Saviour Borg bit-titlu ***Updated Records of Spraying of Palm Trees – January to June 2014.***

2.40 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr Ronald Cuschieri mill-*Environmental Landscapes Consortium Limited,* bit-titlu ***Updated Records of Spraying of Palm Trees – January to June 2014.***

2.41 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Clayton Cutajar, *Project Researcher- EU Agenda for Adult Learning in Malta,* bit-titlu **Korsijiet tal-*Lifelong Learning 2014-15* – Avviż.**

2.42 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Glen Farrugia bit-titlu ***Attn Local Councils: 'Dialogue in the Med' conference organised by the Valletta 2018 Foundation.***

2.43 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Jeremy Azzopardi bit-titlu ***Important Notification from Valletta 2018 University of Malta Secretariat.***

2.44 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dun Glen Buhagiar bit-titlu **Laqgħa mal-Kunsill Lokali.**

2.45 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Nadia Tagliaferro, *Data Analyst* ma' GreenPAK, bit-titlu ***Mid-Year Report 2014.***

2.46 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Supretendent Sandro Gatt bit-titlu **Laqgħa mas-Supretendent tal-Pulizija, Għassa tal-Pulizija Żurrieq.**

2.47 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Oliver Farrugia mill-Awtorita' Maltija għat-Turiżmu, bit-titlu **Ftuħ tal-Maqluba.**

2.48 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Steve Borg, Prinċipal tal-Libreriji Maltin, bit-titlu **Unit ta' Xkaffar Meħtieġa għal-Librerija tal-Qrendi.**

2.49 Inqrat *e-mail* mibgħuta mill-Perit Audrey Testaferrata Denoto minn Transport Malta, bit-titlu **Talba għal triq *one way* fil-Qrendi – Triq J. G. Vance.**

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

2.50 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Thomas Debono minn Transport Malta bit-titlu **Lejla Maltija in Qrendi.**

2.51 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Thomas Debono minn Transport Malta bit-titlu ***Draft Police Notice for a wedding reception in Qrendi.***

2.52 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Thomas Debono minn Transport Malta bit-titlu ***DPN of the feast of the Assumption of Our Lady, Qrendi.***

2.53 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Joe Attard, il-Kap Eżekuttiv ta' GreenMT, bit-titlu **Talba għal Informazzjoni.**

2.53.1 Is-Sindku qal li l-Kunsill Lokali għandu jiltaqa' mas-Sur Attard sabiex naraw x'qegħdin joffru l-GreenMT.

2.54 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Liam Ferriggi, *Network Engineer* ma' AID Ltd., bit-titlu ***Change of Microphones.***

2.54.1 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament li għandhom jinbidlu dawn il-mikrofoni u jsiru *wireless.*

2.55 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Raphael Abdilla, *o.b.o.* Perit Henry Attard, bit-titlu ***QLC – Lighting and Ceiling Finishes.***

2.56 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Joseph Chetcuti mill-Funderija Artistika Chetcuti, bit-titlu **Servizz ta' Tindif ta' Statwi tal-Bronż.**

2.57 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Ivan Mifsud mill-*Water Services Corporation*, bit-titlu **Triq Bali Guarena Qrendi – RWP1-0738/14.**

2.58 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Margaret Camilleri bit-titlu ***Waste management study research/*****Studju dwar l-immaniġġjar tal-iskart.**

2.59 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Chantelle Buttigieg bit-titlu **Riċerka ta' teżi.**

2.60 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Clive Mallia bit-titlu ***Letter*** **Triq it-Torri** ***traffic.***

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

2.61 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Marion Parnis bit-titlu **Suġġerimenti Rigward Parkeġġi.**

2.62 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Mersia Mckay bit-titlu **Misraħ San Mattew *sign.***

2.63 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Claudette Abela Baldacchino bit-titlu ***Conference invitation – Women – Leaders in an evolving society.***

2.64 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Glen Chircop minn Fondazzjoni Nazareth, bit-titlu ***12 hours TV Marathon – 7th September 2014.***

2.65 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Tanya Zahra bit-titlu ***Walk The Towers.***

2.66 Inqrat *e-mail* mibgħuta mill-*Animal Guardians* bit-titlu ***Event Friday 29th August Borg Cardona Hall* Ta' Qali Attard.**

2.67 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Michael Debono bit-titlu **QLC RS 49/11.**

## 3. KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

3.1 Is-Sindku David Schembri tkellem dwar l-attivita' kulturali *Passa ai Tempi*.

3.1.1 Qal li tkellimna mal-GAL Xlokk dwar jekk nistgħux nipposponu din l-attivita' għal Frar 2015 u nemalgamawha ma' Jum il-Qrendi 2015.

3.1.2 Żied li jekk kemm-il darba din l-idea tiġi aċċettata, din l-attivita' kulturali ssir il-Ħadd 22 ta' Frar 2015.

3.1.3 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament ma' din il-proposta.

3.2 Is-Sindku qal li bħala attivitajiet kulturali fadal isir il-*post mortem* tal-

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

Festival Agrarju tal-Patata 2014 sabiex inkunu nistgħu nagħlqu kompletament din l-attivita'.

3.3 Is-Sindku tkellem dwar Miżura 125 u qal li fl-aħħar iffirmajna l-kuntratt mal-*Paying Agency* u mal-GAL Xlokk u wasalna sabiex noħorġu s-sejħa għall-offerti.

3.3.1 Spjega kif se nkunu qegħdin nagħmlu biss Sqaq il-Lhudija minħabba l-problema ta' fondi.

3.4 Is-Sindku tkellem dwar il-ftuħ ta' Misraħ il-Maqluba.

3.4.1 Qal li ċertu kummenti li ntqalu fl-aħħar tal-ftuħ niżlu ħażin mhux biss mal-Ministru konċernat imma anke ġew rappurtati ħażin fil-media.

3.5 Is-Sindku tkellem dwar il-korsijiet tal-*Lifelong Learning*.

3.5.1 Qal li hemm diversi nies li qegħdin japplikaw u jalla ngħaqqdu 10 min-nies għal kull kors sabiex dawn ikunu jistgħu jsiru.

3.6 Is-Sindku tkellem dwar il-problema ta' bus xelter ġdid fi Triq Rokku Buhagiar.

3.6.1 Qal li hemm il-permessi kollha mingħand il-MEPA sabiex isir dan il-bus xelter li għandu jkun tal-ħġieġ u jalla li dan ikun installat fix-xhur li ġejjin.

3.6.2 Żied li tkellem mas-Sur Ivan Pierre Vella minn Transport Malta fejn tkellmu dwar il-possibilita' li jekk kemm-il darba ma jiġiex installat sax-xitwa, jiġi installat wieħed ieħor b'mod temporanju.

3.7 Is-Sindku tkellem dwar it-*totem kiosk* li se jsir fi Triq Rokku Buhagiar u kif bħalissa qegħdin jiġu finalizzati l-applikazzjoni tal-Enemalta sabiex ikollna d-dawl kif ukoll l-aħħar preparamenti sabiex dan il-*kiosk* ikun jista' jiġi installat.

3.8 Is-Sindku tkellem ukoll dwar id-DVD li għandu x'jaqsam ukoll ma' Miżura 313 u qal li l-kumpanija Horizons bħalissa qegħdin jieħdu ħsieb il-*footage*

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

ta' dan id-DVD.

3.9 Is-Sindku tkellem dwar il-ktieb li jrid jiġi ppublikat taħt Miżura 313, liema ktieb kien se jkun ippublikat mill-kumpanija *Europe Direct*.

3.9.1 Qal li l-Kunsill Lokali dejjem sostna li l-livell ta' dan il-ktieb mhuwiex tajjeb u għaldaqstant kien waqqaf lil din il-kumpanija milli tkompli għaddejjha b'dan il-ktieb.

3.9.2 Żied li għada se ssir laqgħa ma' *Europe Direct* sabiex nitkellmu dwar din is-sitwazzjoni.

3.10 Is-Sindku tkellem dwar seminar li sar dwar it-turiżmu sostenibbli.

3.10.1 Qal li kien diżappuntat b'dan is-seminar għaliex qiegħed ikun hemm ħafna kliem imma mbagħad fatti mill-inqas.

3.11 Is-Sindku tkellem ukoll dwar ġbid ta' films fil-lokalita' tagħna.

3.11.1 Qal li dan huwa pass pożittiv ħafna għal raħalna u l-fatt li diversi kumpaniji tal-films qegħdin jiġu f'raħalna biex jiġbdu x-xeni għall-films tagħhom iqawwilna qalbna.

3.11.2 Is-Sindku semma' fost l-oħrajn lill-kumpanija Take 2 li jixtiequ li jużaw il-pjazza ta' quddiem il-Knisja.

3.11.3 Qal li din il-kumpanija lesta tgħinna wkoll fi produzzjoni ta' DVD dwar il-kappelli fil-lokalita' tagħna.

3.11.4 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament li għandna naċċettaw li jiġbdu xeni fil-pjazza quddiem il-Knisja u li ssir il-produzzjoni tad-DVD.

3.12 Is-Sindku tkellem ukoll dwar Torri Xutu u qal li dan it-torri issa jinsab f'idejn Din l-Art Ħelwa.

3.12.1 Qal li jidher li l-permessi tal-MEPA ħarġu kollha kif ukoll Din l-Art Ħelwa ġabu sponsor sabiex jirrestawraw dan it-torri.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

3.12.2 Is-Sindku qal li f'Wied iż-Żurrieq se tkun qiegħda ssir *clean up* qrib l-istess torri nhar is-Sibt li ġej.

3.13 Is-Sindku tkellem dwar applikazzjoni li ħarġet mill-GAL Xlokk dwar *Support for Children in the Community* u qal li sfortunatament ma laħħaqniex nimlew din l-applikazzjoni.

3.13.1 Qal iżda li stajna konna xi ftit fortunati għaliex din is-sejħa momentarjament ġiet sospiża u għaldaqstant jista' jkun li terġa' toħroġ fil-ġimgħat li ġejjin u nkunu nistgħu napplikaw.

3.14 Is-Sindku tkellem ukoll dwar *e-mail* li rċevejna mingħand il-GAL Xlokk dwar mawra f'Veneto, l-Italja.

3.14.1 Qal li diversi produtturi mill-Qrendi jistgħu juru interess u wara li timtela' l-applikazzjoni dawn jistgħu jiġu kkunsidrati sabiex imorru għal din l-esperjenza fl-Italja.

3.15 Is-Sindku tkellem dwar l-applikazzjoni tal-LEAP.

3.15.1 Qal li min-naħa tal-Kunsill Lokali applikajna lil żewġ residenti, imma wara li għadda ż-żmien wieħed minnhom tilef l-interess għal kollox filwaqt li l-persuna l-oħra rridu nikkonfermaw li għad għandha interess.

3.15.2 Żied li fil-preżent il-Kunsill Lokali dawwar ħarstu fuq persuni oħra u s'issa kien hemm persuna oħra li tfajnielha l-applikazjoni.

3.15.3 Spjega kif anke s-Soċjeta' Mużikali Lourdes applikat għal żewġ persuni.

3.15.4 Qal li dwar dan il-proġett tal-LEAP ġew żewġ *social workers* u ltaqgħu magħna u tkellimna aktar fid-dettall dwar dan il-proġett.

3.15.5 Żied li huma kienu interessati ħafna li jużaw il-berġa tal-lokalita' u li din tibda tintuża' fuq bażi regolari u mhux biss darbtejn fil-ġimgħa mid-Dipartiment.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

3.16 Is-Sindku qal li ġie avviċinat mill-klabb tal-boċċi tal-Qrendi kif ukoll mis-Soċjeta' tal-Mużew, fejn dawn staqsew jekk il-Kunsill Lokali jistax jgħin fix-xiri ta' sett boċċi ġodda, bandiera kif ukoll paletti u xbieki tat-*table tennis*.

3.16.1 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament li se nkunu qegħdin nevalwaw dawn it-talbiet sabiex fil-mument opportun inkunu nistgħu ngħinu lill-klabb tal-boċċi kif ukoll lis-Soċjeta' tal-Mużew.

3.17 Is-Sindku tkellem dwar is-sitwazzjoni preżenti tat-traffiku fi Triq it-Torri.

3.17.1 Qal li wara li bagħtna l-ittri lir-residenti ta' Triq it-Torri, Triq Monsinjur Ġużeppi De Piro, Triq it-Tabib Gregorio Mifsud (parti minn) u Triq Dun Nerik Mahoney (parti minn), kienu diversi dawk ir-residenti li tawna r-risposti tagħhom.

3.17.2 Qal li l-maġġoranza ta' dawn ir-residenti talbu li jsiru *double yellow lines* fi Triq it-Torri u għaldaqstant jonqsu xi parkeġġi, kien hemm ftit residenti li qalu li jippreferu li Triq it-Torri ssir *one way* , filwaqt li kien hemm min qal li kollox għandu jibqa' kif inhu.

3.17.3 Fil-fatt, 38 resident talbu li jsiru sinjali sofor, 3 residenti talbu lit-triq issir *one way*, filwaqt li residenti wieħed qal li kollox għandu jibqa' kif inhu.

3.17.4 Għaldaqstant, wara li sar dan il-proċess ta' konsultazzjoni mar-residenti, l-Kunsill Lokali qabel unanimament li għandhom isiru d-*double yellow lines* fi Triq it-Torri u din it-talba se tingħadda lil Transport Malta għall-konsiderazzjoni min-naħa tagħhom.

3.18 Is-Sindku tkellem ukoll dwar Triq San Nikola u ssuġerixxa li din it-triq għandha ssir *one way* minn kantuniera ma' Triq il-15 t'Awwissu.

3.18.1 Qal li din it-triq hija dejqa ħafna u tkun vera diffiċli biex karozza tmur lura.

3.18.2 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament li se ssir talba lil Transport Malta sabiex din it-triq issir *one way*.

3.19 Is-Sindku tkellem dwar it-tieġ komplut li sar f'Misraħ il-Maqluba nhar l-1

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

t'Awwissu 2014.

3.19.1 Qal li dan ir-riċeviment wassal għal ħafna agħha minn xi residenti partikolari.

3.19.2 Żied li l-Kunsill Lokali xorta waħda għandu jibqa' joħroġ permessi sabiex isiru tiġien kompluti f'dan il-Misraħ u li l-Kunsill Lokali għandu jitgħallem minn riċeviment għall-ieħor sabiex jara fejn jista' jtejjeb.

3.19.3 Qal li waħda mill-prijoritajiet għandha tkun li l-mużika titbaxxa mal-ħin ta' nofsillejl u wara tindaqq mużika aktar baxxa.

3.20 Il-Kunsillier Olympia Sant Mifsud staqsiet jekk il-Kunsill Lokali jistax jgħin finanzjarjament lil dawk il-persuni li se jieħdu sehem fil-*Lifelong Learning*.

3.20.1 Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill Lokali ma jistax jgħin lil dawn il-persuni għaliex b'dan il-mod se jkun qiegħed jisponsorja dawn il-korsijiet ukoll, xi ħaġa li l-Kunsill Lokali kien kontrieha fil-passat.

3.21 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa qal li kellna laqgħa mal-kumpanija Lornit Ltd., fejn tkellimna magħhom dwar programm tal-kompjuter li jgħin fl-ipproċessar tal-permessi, eċċ... tal-Kunsill Lokali.

3.21.1 Qal lis-servizz offrut minn din il-kumpanija huwa ta' €1,165 kull sena biss jidher li fil-preżent il-Kunsill Lokali tagħna m'għandux bżonn programmi simili sabiex jipproċessa l-permessi, eċċ...

## 4. FINANZI

4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill diversi kontijiet pendenti li jammontaw għal €27,722.56c skont is-*Schedule of Payments* Ref No. 08/14 u €86.35c skont il-*Petty Cash* Ref R/07.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

4.2 Is-Sindku David Schembri qal li bħala *Chairman* tal-Kumitat tal-Finanzi ppropona li dawn il-kontijiet pendenti jiġu approvati.

4.3 Il-Kunsillier Charles Zerafa u l-Kunsillier Daniel Farrugia ssekondaw u l-Kunsill qabel *nem. con*.

5. **<u>AĠĠORNAMENT</u>**

5.1 Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali ntemmet fis-7:15pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 22 ta' Settembru 2014 fil-5pm.

5.1.1 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament fuq il-ħin u d-data ta' din il-laqgħa.

_________________________ _________________________

**Chris Falzon** — **David Schembri**

**Segretarju Eżekuttiv** — **Sindku**